# Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)
# bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD  Mag.Jur. (Euro. Law)

***Drogi 22/00***

***Pulizija***
***Spettur Neville Aquilina***
***vs***
***Emanuel Calleja***

Illum 26 ta' Ottubru 2001

Il-Qorti,

Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

***Akkuzi***

Illi l-akkuzi dedotti kontra l-imputat Emanuel Calleja huma bazati fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali aggravat bl-intenzjoni**, tar-raza tal-cannabis u **Traffikar** tal-istess droga; r-reat ta' **Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina; kif ukoll ksur tal-**liberta' kondizzjonata** u **Recidivita'**– relattivament ghas-19 ta' Awissu 1995 u fit-12 il-xahar qabel din id-data.

***Kwadru tal-fatti***

Illi fuq informazzjoni anonima li fil-hanut gestit mill-imputat kien qed isir l-abbuz tad-droga, il-Pulizija tal-ghassa tan-Naxxar hadet passi immedjati u marret fuq il-post indikat.

Illi meta wasslu fuq il-post dawn sabu l-bieb mghaluq, u meta identifikaw ruhhom bhala pulizija l-imputat wara ftit minuti fetah il-bieb.  Dak il-hin il-pulizija semghet hoss ta' *flushing* ta' toilet u marret dritt f' dik il-kamra fejn lahqet persuna ohra hierga minn hemm.  Gie konstat li fit-toilet kien hemm bicciet tal-foil li gew elevati mill-pulizija fil-presenza tal-imputat.  Go dan il-foil kien hemm sustanza kannella li l-pulizija ssuspettat li kienet droga eroina.

Illi fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija, l-imputat stqarr li dawk l-oggetti kien tefghahhom hu zmien ilu u li baqghu hemm nonostante li t-toilet kien jigi flushed.  Huwa pero' innega li s-sustanza kannella kontenuta fil-foil kienet cannabis.

***<u>Droga</u>***

Illi mir-rapport forensiku li sar fuq l-oggetti elevati u esebiti rrizulta li fuq il-foil kien hemm **tracci tad-droga eroina**.

***<u>Konsiderazzjoni tal-Qorti</u>***

Illi mill-premess jirrizulta r-reat ta' Pussess Illegali (semplici) da droga eroina, liema reat jissussiti fil-konfront tal-imputat stante li fl-istqarrija tieghu ammetta li l-foil kien fil-pussess tieghu u kien ramihom hu fit-toilet.

Illi pero' r-reat ta' Pussess Illegali aggravat tad-droga konsistenti fir-raza tal-cannabis ma giex provat;  kif ukoll ma giex provat ir-reat ta'Traffikar tal-istess droga.

Illi pero' mill-provi rrizulta li l-imputat kiser il-liberta' kondizzjonata akkordata lilu minn din il-Qorti in forza ta' sentenza mghotija fit-28 ta' Settembru 1992.

***Piena***

Illi rigward dan l-aspett il-Qorti tosserva li fic-cirkostanzi li rrizultaw provati u b' mod parikolari in vista tal-ammont (tracci) zghir ta' droga li nstabet, thoss li ghandha tghati piena bazata fuq il-minimu preskritt mill-ligi.

***Decide***

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat hati skond l-akkuzi limitatatment **ghall-Pussess Illegali (semplici)** tad-droga eroina a tenur tar-regolament 8 tal-GN 292/39 izda fuq din l-akkuza ***tilliberah bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena*** millum ai termini tal-Artikolu 9 tal-Kap.152;

Issibu hati li huwa recidiv (Art.49 u 50 Kap.9) u li kiser il-kondizzjoni tal-liberta' kondizzjonata akkordata lilu minn din il-Qorti in forza ta' sentenza mghotija fit-28 ta' Settembru 1992 u wara li rat l-Artikoli indikati f' dik is-sentenza u l-Artikolu 10 tal-Kap.152 tikkundannah ghal ***multa ta' mitejn lira maltin (LM200)*** fuq din l-akkuza pagabbli b' rati mensili ta' mhux anqas minn tletin lira maltin bid-dekadenza mill-beneficju tal-inventarju f' kaz li l-imputat jonqos minn pagament wiehed.

Ma ssibux hati tal-kumplament tal-akkuzi u tilliberah minnhom.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita u oggetti relatati, a kura tal-ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***